MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2007

Numru 578/2006

Il-Pulizija
(Spettur Kevin Borg)

vs

David Buhagiar

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat David Buhagiar ta' karta ta' identita' numru 481078M, akkuzat talli fid-9 ta' April, 2006 u fil-granet ta' qabel gewwa il-Monti tar-Rabat f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. xjentement qeghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghall-bejgh, jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq

u cioe' DVD's u dan bi ksur ta' l-artikolu 298(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jqassam xi artikolu jew xi haga ohra u cioe' DVDs, bi ksur ta' jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe' Twentieth Century Fox Film Corporation u socjetajiet ohra, li taghhom is-socjeta' Patrick J. Galea Advocates rappresentata minn Dr Patrick J. Galea LL.D. et hija rappresentanti, protetti bil jew taht il-Ligi ta' Malta, u dan bi ksur tal-artikolu 298B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. fl-istess perjodu, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih nnifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju applika fuq oggetti jew fuq l-ipprakkettjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' trademark registrata, jew biegh jew kera, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal bhal dak; (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 72(1) tal-Kap 416 tal-Ligijiet ta' Malta).

4. irrenda ruhhu recediv b'diversi sentenzi mghotija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datati: 11 ta' Ottubru 2002, 21 ta' Jannar 2003; 12 ta' Mejju 2005; liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni ippersista fuqha anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Ikkunsidrat:

Illi stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Dwar il-piena rat l-Artikolu 298(1)(f), 298B(1) tal-Kap 9, l-Artikolu 72(1) tal-Kap 416 u l-Artikolu 31 tal-Kap 441 u l-Artikolu 17 tal-Kap 9. Tiddeciedi li tapplika kontra l-imputat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 u b'hekk tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sena mill-lum.

Tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti inkriminati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------